# 152. Ġrajja tal-Gwerra

Baħri Franċiż fil-gwerra
għeriqlu l-bastiment,
u kif kien jgħum il-baħar
miġnun bid-disprament,

Resqet fuqu sirena,
qaltlu "kemm int sabiħ!,
ejja miegħi ħa ngħammru
henjin it-tnejn fil-qiegħ!"

Ħaditu l-palazz tagħha,
u għammru t-tnejn flimkien
b'imħabba liema bħalha
matul tal-gwerra ż-żmien.

'Mma kif spiċċat il-gwerra
il-baħri ried imur
biex jara t-tfal u l-mara,
u lil qrabatu jżur.

Kif wasal id-dar tiegħu
martu kemm ferħet bih
wara tant snin li qagħdet
titbekka u tistennieh!

Għall-ikel fuq il-mejda
fetħet landa sardin;
'mma kif fetħet il-landa
erba' ħutiet ħelwin.

Ġol-platt bdew jaqbżu u jgħajtu:
"Papa', papa', papa',
kemm għandek qalbek iebsa,
għaliex tlaqt lill-mama'?"

U l-erba' ħutiet kixfu
tal-baħri t-tradiment;
martu xtaqet li għereq
flimkien mal-bastiment!